**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 212/2023**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Ian Vella)**

**-Vs-**

**ANTHONY AZZOPARDI**

**CARMEL AZZOPARDI**

**JOSEPH AZZOPARDI**

**GRAZIELLA FAVA AZZOPARDI**

**KENNETH BORG CARUANA**

**MALCOLM JOHN BALZAN**

**Illum, 28 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Anthony Azzopardi** ta' 65 sena iben Joseph u Grazia neeċ Portelli imwieled Pieta' fil-14 /06/1957 u joqgħod 31, Anthony, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar, karta tal-identita' numru 419957M, **Carmel Azzopardi** ta' 68 sena, iben Joseph u Grazia nee' Portelli

imwieled Pieta' fil-14 ta' Frar 1954 li joqgħod 13, Pixxispada, Triq J. Kepler, Mellieha bin-numru tal-karta tal-identita' 205854M, **Joseph Azzopardi** ta' 36 sena, iben Carmel u Carmen nee' Attard, imwieled Żabbar fil-11/09/1986 u residenti 50, Alessandra Siciliana, Flat 11, Triq it-Tramuntana, Mellieħa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 427986M; **Graziella Fava Azzopardi** ta' 36 sena, bint Anthony u Maria Pauline nee' Żammit, imwielda Pieta' fl-4/05/1986, residenti 19, Orchidea, Triq il-Qalb ta' Ġesu, San Pawl il-Baħar u detentriċi tal-karta tal-identita' 281886M, **Kenneth Borg Caruana** ta' 55 sena, iben Joseph u Filippa nee' Buhagiar, imwieled Sliema fis-6/06/1967, resident 9, Triq Mudest Sapiano, San Ġwann u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 380067M u **Malcolm John Balzan** ta' 42 sena, iben Nicholas u Joan nee' Abela, imwieled San Ġiljan fit-28/10/1980, residenti 230, Flat 1, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 34381M;

1. Akkużati lkoll fil-kapaċita' tagħkom personali u/jew Anthony Azzopardi, Carmel Azzopardi, Joseph Azzopardi u Graziella Fava Azzopardi fil-kapaċita' tagħkom ta' direttur ta' Malta Retailing Limited, u Kenneth Borg Caruana fil-kapaċita' tiegħu ta' General Manager tal-istess kumpannija u lkoll persuni li tħaddmu, kif ukoll Malcolm John Balzan fil-kapaċita' tiegħu ta' bennej fis-sit, talli fil-**15 ta' Jannar 2019** matu il-ġurnata f'Daniel's Shopping Complex, Ħamrun, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħkom jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġunajtu l-mewt ta' Emanuel Grech u dan ai termini tal-Art. 225 tal-Kodiċi Kriminali, Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ;

2. Fuq talba tal-Awtorita' għas-Saħħa u s-Sigruta' fuq il-Post tax-Xogħol, akkużati **Anthony Azzopardi, Carmel Azzopardi, Joseph Azzopardi, Graziella Fava Azzopardi u Kenneth Borg Caruana** wkoll talli fl-

istess żminijiet u/jew fix-xhur fl-istess lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu milli tħarsu is-saħħa u sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424 ;

3. Akkużati Anthony Azzopardi, Carmel Azzopardi, Joseph Azzopardi, Graziella Fava Azzopardi u Kenneth Borg Caruana wkoll talli fl-istess żminijiet u/jew fix-xhur ta' qabel, fl-istess lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu milli tagħmlu, jew li tiżguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurta' kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji l jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 10(1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18)

4. Akkużati Anthony Azzopardi, Carmel Azzopardi, Joseph Azzopardi, Graziella Fava Azzopardi u Kenneth Borg Caruana wkoll talli fl-istess żminijiet u/jew fix-xhur ta' qabel, fl-istess lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu milli tagħtu nformazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom dwar ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' li huma magħrufa minnmin iħaddem jew li ġew identifikati minn xi evalwazzjoni tar-riskju mwettqa u dan ai termini ta' artikolu 12(1) ta' A.L. 36/03 (S.L. 424.18)

5. Akkużati Anthony Azzopardi, Carmel Azzopardi, Joseph Azzopardi, Graziella Fava Azzopardi u Kenneth Borg Caruana wkoll talli fl-istess żminijiet u/jew fix-xhur ta' qabel, fl-istess lok u ċirkostanzi bħala persuni li tħaddmu nqastu milli tiżguraw li kull ħaddiiem jirċievi taħriġ adegwat

fuq is-saħħa u s-sigurta', partikolarment fil-forma ta' informazzjoni u istruzzjonijiet speċifiċi għall-istazzjon tax-xogħol u għax-xogħol assenjat u dan ai termini ta' artikolu 14(1) ta' A.L. 36/03 (S.L.424.18)

6. Akkużati Anthony Azzopardi, Carmel Azzopardi, Joseph Azzopardi, Graziella Fava Azzopardi u Kenneth Borg Caruana wkoll talli fl-istess żminijiet u/jew fix-xhur ta' qabel, fl-istess lok u ċirkostanzi fil-kapaċita' tagħkom ta' kuntratturi ksirtu l-obbligi legali tagħkom sabiex tissalvagwardjaw kull impjegat u/jew ħaddiem, jew terzi persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati mix-xogħol li jkun qed isir u dan ai termini ta' artikoli 9, 10, 12, 14 u Skeda II Part B ta' A.L. 88/2018

7. Akkużati Anthony Azzopardi, Carmel Azzopardi, Joseph Azzopardi, Graziella Fava Azzopardi u Kenneth Borg Caruana wkoll talli fl-istess żminijiet u/jew fix-xhur ta' qabel, fl-istess lok u ċirkostanzi nqastu milli tieħdu l-miżuri kollha meħtieġa għas-salvawardja tas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol billi nqastu milli tfasslu pjan tas-saħħa u sigurta' qabel it-twaqqif tas-sit ta' kostruzzjoni u dan ai termini ta' Art. 5 (4)(a) ta' A.L. 88/2018

8. Akkużat Malcolm John Balzan talli fl-istess żminijiet u/jew fix-xhur, lok u ċirkostanzi nqast milli tħares s-saħħa u s-sigurta' tiegħek, kif ukoll tal-persuni li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqast milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġu evitati dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u nqast milli tieħu l-miżuri neċessarji sabiex ir-riskji jiġu ridotti kemm huwa raġenevolment prattiku u dan ai termini tal-artikolu 7(1) ta' l-Att 27/2000 Kap 424.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkużi u jikkonfermahom bil-ġurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali biex dan il-kaz jigi trattat bil-proċedura sommarja;

Semgħet lill-imputati waqt l-eżami iwieġbu li mhux ħatja tal-akkużi;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2024;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi dan huwa każ ta' inċident fatali li seħħ fil-kumpless bl-isem Daniel's Shopping Complex ġewwa l-Ħamrun fejn kienu qed isiru xogħolijiet ta' alterazzjonijiet strutturali fis-sulari tal-binja ta' taħt l-art, fosthom il-bini ta' bokka tal-lift (*lift shaft*) u tqegħid ta' madum. Il-bennej li kien inkarigat bix-xogħol ta' bini tal-*lift shaft* kien l-imputat Malcolm Balzan filwaqt li l-vittma, Emmanuel Grech, kien missier il-ħaddiem li kien ġie ingaġġat biex jagħmel ix-xogħol ta' tqegħid mal-madum, Matthew Grech. L-inċident seħħ meta Emmanuel Grech waqa' għoli ta' żewġ sulari fil-bokka tal-lift fil-livell '-1' tal-kumpless.

Mill-provi proċesswali jirriżulta illi l-vittma kien qed jgħin lil ibnu, Matthew Grech, biex jagħmel xogħol ta' tqegħid tal-madum. Jirriżulta illi l-inċident seħħ meta l-vittma kien qed jiknes u jiġbor l-ispacers minn bejn il-madum li kien tqiegħed fiż-żona viċin tal-bokka tal-lift il-ġurnata ta' qabel fil-livell '-1', u waqa' lura fil-bokka tal-lift. Huwa instab wiċċu 'l fuq fl-art ġewwa l-*lift shaft* fil-livell '-3'[1].

Għalkemm mill-provi jirriżulta li x-xogħol ta' tqegħid tal-madum fis-sular '-1' ma kienx lest minn kollox u jirriżulta wkoll li kienu għadhom għaddejjin xogħolijiet ta' bini ta' ħitan diviżorji fis-sulari ta' taħt, huwa stabbilit illi x-xogħol tal-bini tal-*lift shaft* ukoll kien diġa' tlesta kollu qabel seħħ l-inċident fatali u x-xogħolijiet ta' rinovazzjoni fil-kumpless kienu fi stadju avvanzat. Fil-fatt, Matthew Grech xehed illi s-sular fejn kien qed jaħdem missieru meta waqa' u miet, ċioe' l-livell '-1', kien l-aħħar sular li ħadem fih.. Madankollu, jirriżulta mix-xhieda tal-imputat Malcolm Balzan innifsu li huwa kien qed jibni xi ħitan diviżorji fil-livell '-2' tal-kumpless fil-ġurnata tal-inċident.

Jirriżulta wkoll mill-atti u l-provi proċesswali illi fiż-żmien meta seħħ l-inċident in diżamina, is-sit konsistenti fil-livell terren u s-sulari ta' taħt fil-kumpless Daniel's Shopping Complex kien mikri lill-kumpannija Malta Retailing Limited, li d-diretturi tagħha fl-istess żmien kienu l-imputati Anthony Azzopardi, Charles Azzopardi, Joseph Azzopardi u Graziella Fava Azzopardi. Huwa ppruvat ukoll li l-imputat Kenneth Borg Caruana huwa l-General Manager tal-imsemmija kumpannija[2]. L-imputat Malcolm Balzan huwa l-

---

[1] Dan huwa konsistenti mal-verżjoni ta' Matthew Grech li xehed illi dak il-ħin missieru kien qed jiknes u jiġbor l-ispacers minn bejn il-madum fil-viċinanzi tal-bokka tal-lift.

[2] L-imputat Kenneth Borg Caruana xehed illi huwa impjegat tal-kumpannija 'Valhmor Borg' u kien inkarigat biex jieħu ħsieb il-proġett intrapriż mill-kumpannija fil-livell '-1' fil-kumpless Daniel's Shopping Complex, li kellu jiġi operat bħala supermarket tad-ditta 'Spar', liema ditta tappartjeni lill-kumpannija Malta Retailing Limited. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi minn eżami tal-*employment history* tiegħu (Dok. LB5) jirriżulta illi filwaqt li l-imputat Kenneth Borg Caruana tassew kien impjegat fuq bażi full-time mal-kumpannija Valhmor Borg Imp/Emp

bennej inkarigat bix-xogħol ta' kostruzzjoni fis-sit. Ilkoll jinsabu mixlija bir-reat ta' omiċidju involontarju ta' Emmanuel Grech.

Ikkunsidrat;

L-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali jistipola:-

*(1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).*

Illi dan ir-reat, l-omiċidju involontarju, jipotetizza kondotta kolpuża li bħala konsegwenza diretta tagħha iseħħ event dannuż lil terzi persuni liema event dannuż kien prevedibbli għalkemm mhux previst.

Skont il-ġurista Francesco Antolisei:-

"*... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere.*"

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Frar 2018, fil-każ **Il-Pulizija v. Dorianne Camilleri**, ġie ritenut, fir-rigward:

---

Limited fiż-żmien tal-inċident u kien ilu hekk impjegat sa mill-1996, meta xehed quddiem l-espert Richard Aquilina fl-inkjesta, huwa ddikjara li huwa impjegat bħala General Manager tal-kumpannija Malta Retailing Limited. Fil-fatt, mistoqsi mill-Qorti waqt ix-xhieda tiegħu, ippreċiża illi l-proġett kien tal-kumpannija Malta Retailing Limited u li xogħolu jieħu ħsieb il-proġetti tal-kumpannija Malta Retailing Limited.

*"Bħala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).*

Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jgħid hekk:

"*In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable*"

Jinsab ritenut ukoll li l-prudenza tikkonsisti filli persuna tagħmel dak li hu raġjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, filwaqt li l-imprudenza tikkonsisti fl-egħmil ta' dawk l-affarijiet li jikkaġunaw ħsara prevedibbli. It-traskuraġni, mill-banda l-oħra, timplika ċerta non-kuranza, ċertu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Iżda, f'kull każ li jkun, sija f'każ ta' imprudenza u sija wkoll f'każ ta' traskruaġni, jeħtieġ xorta li jiġi ppruvat li l-ħsara kienet ukoll prevedibbli għad illi mhux prevista, għaliex kieku tabilħaqq l-event dannuż kien previst, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pożittiva indiretta[3].

---

[3] Dan l-insenjament qed jiġi riprodott mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech**, deċiża 21 ta' Marzu 1996.

Għalhekk, in suċċint, il-*culpa* ġenerika tinsab essenzjalment fil-fatt illi l-aġent ma jkunx osserva, għalkemm ma kienx impedit milli jagħmel dan, l-istandard ta' diliġenza rikjesta fis-sitwazzjoni konkreta.

Magħdud ma' dan hemm ukoll il-*culpa* speċifika, dovuta għan-non osservanza ta' liġijiet u regolamenti li jkunu emanaw minn minn awtorita' pubblika bl-iskop li jirregolaw l-operat ta' attivitajiet determinati, u ta' regoli jew kodiċi ta' kondotta li jkunu indirizzati lejn faxxa speċifika ta' suġġetti u jistgħu jemanu anke minn awtorita' privata.

Dan kollu magħdud ifisser li biex tiġi radikata ħtija għar-reat ta' omiċidju involontarju, irid jiġi riskontrat u aċċertat ness ta' kawżalita' bejn l-event dannuż u l-kondotta kolpuża tal-aġent, b'mod li l-event dannuż ikun konsegwenza tal-azzjoni tar-*reo*. Fil-fatt, kif diġa' ngħad, l-imputazzjoni ta' event leżiv irid ikollha bħala punt ta' partenza l-presuppost li r-*reo* jkun ikkontribwixxa materjalment għar-riżultat dannuż u li jkun jeżisti, allura, rapport ta' kawżalita' materjali bejn il-kondotta tar-*reo* u l-istess eventi dannuż: dan l-aċċertament tan-ness kawżali bejn l-azzjoni jew l-ommissjoni u l-event dannuż huwa fondamentali għall-attribuzzjoni ta' ħtija kriminali.

Illi għalhekk, applikat dan kollu għall-każ li għandha quddiemha din il-Qorti llum, jikkonsegwi illi huwa d-dmir tal-Prosekuzzjoni li tirradika persważjoni morali lil hinn minn kull dubju raġjonevoli f'moħħ il-Qorti dwar il-ħtija ta' xi wieħed jew iktar mill-ko-imputati għall-mewt ta' Emmanuel Grech, bi provi konvinċenti u konklussivi ta' kondotta volontarja u negliġenti – kif ġie appena mfisser - da parti tagħhom individwalment fil-każ konkret, li tkun karatterizzata b'rabta ta' kawżalita' ma' dan l-akkadut dannuż. Wara kollox, kull imputat irid jiġi aġġudikat fuq l-azzjonijiet tiegħu biss individwalment mingħajr referenza għall-kondotta ta' xi wieħed jew iktar mill-ko-imputati l-oħra, u dan abbażi tal-

azzjonijiet jew omissjonijiet tiegħu stess u l-effett ta' din il-kondotta tiegħu fuq l-event leżiv. Dan in omaġġ għall-prinċipju fondamentali tal-personalita' tar-responsabbilita' kriminali.

Il-Qorti sejra tindaga iktar 'il quddiem - meta tiġi biex tistħarreġ l-akkużi dwar reati taħt l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol u r-regolamenti magħmula taħtu - jekk wieħed jew iktar mill-imputati jaħtix għal xi ksur ta' regolamenti b'rabta mal-obbligi ta' min iħaddem u tal-ħaddiem innifsu li jħares is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol jew sit tal-kostruzzjoni, inkluż billi jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiġu ridotti u prevenuti riskji għas-saħħa u sigurta'. Madankollu, tqis illi anke jekk jiġi riskontrat da parti ta' xi wieħed jew iktar tal-ko-imputati bħala persuni li jħaddmu jew bħala ħaddiema, in-nuqqas ta' tħaris ta' xi regolament fil-qasam tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, dan il-ksur ma jkunx biżżejjed **waħdu** biex jirradika l-ħtija għaliex kif rajna, jeħtieġ li jiġi ppruvat **ukoll** li din il-kondotta, ommissiva jew kommissiva, tal-aġent tkun ikkontribwixxiet **b'mod materjali** għall-mewt tal-vittma u jkun jeżisti, allura, rapport ta' kawżalita' materjali bejn il-kondotta u l-imsemmi event dannuż.

Huwa stabbilit mill-provi illi l-bokka tal-lift li minnha waqa' Emmanuel Grech, ma kienetx magħluqa b'xi lqugħ fil-ħin li huwa waqa' lura fix-shaft u miet. Madankollu, l-eżistenza ta' xi xejra ta' lqugħ, ossia barrier, fil-livell fejn kien qed jaħdem il-vittma, hija stabbilita mill-provi.

Il-Perit Angelo Portelli xehed illi kull darba li kien mar jispezzjona x-xogħol tal-bini matul il-proċess tal-kostruzzjoni tal-*lift shaft,* kien ra li hemm barriers u injam kull fejn kien jeżisti riskju ta' waqgħa mill-għoli. Kenneth Borg Caruana wkoll xehed illi kien hemm barrier tal-ħadid mal-*lift shaft* fil-livell '-1', iżda ppreċiża illi dakinhar tal-inċident ma setax jinżel f'dak is-sular billi l-madum

kien għadu kif ġie mwaħħal u ma setax jirfes fuqu u għalhekk, ma setax jgħid il-barrier kienx f'postu. Huwa minnu wkoll li Malcolm Balzan xehed fl-Inkjesta li dakinhar tal-inċident kien qed jaħdem fil-livell ta' taħt is-sular li minnu waqa' Emmanuel Grech u kien ra "*l-barrier ta' ġo dak is-sular*" ("-1"), iżda kkonferma wkoll li ma kienx reġa' mar fis-sular '-1' wara li kien lesta l-bini tal-*lift shaft* f'dak il-livell[4].

Iżda minn eżami tar-ritratti li ttieħdu mill-esperti tax-xena tad-delitt (relazzjoni WPS 293 Michelle Camilleri) jirriżulta li l-apertura tal-bokka tal-lift li minnha waqa' Emmanuel Grech ma fiha ebda lqugħ kwalsiasi, filwaqt li l-Perit Richard Aquilina fir-relazzjoni tiegħu ikkostata li ma kien hemm ebda barrier kwalsiasi jagħlaq il-bieb tal-bokka tal-lift fis-sular fil-livell fejn kien qed jaħdem Emmanuel Grech, il-livell '-1', u lanqas traċċa li xi darba din l-apertura kienet magħluqa b'xi xorta ta' lqugħ imwaħħal mal-koxxa tal-apertura. Norbert Ciappara, li kien spezzjona s-sit għan-nom tal-Awtorita', fix-xhieda tiegħu ikkonferma li għalkemm kien hemm barrier tal-ħadid fis-sular in diżamina, dan kien barrier żgħir li jiċċaqlaq u kien merfugħ fil-ġenb, skont kif jidher fir-ritratt Dok. NC6. Ikkonferma wkoll li l-grada tal-ħadid miksija bil-plastik li kienet qiegħda tagħlaq il-bokka tal-lift li tidher fir-ritratti Dok. NC1 u Dok. NC3 kienet fis-sular ta' taħt il-livell '-1', ċioe' fis-sular ta' taħt is-sular fejn kien qed jaħdem Emmanuel Grech.

Fil-fatt, Matthew Grech, korroborat minn Clint Xuereb, xehed li fis-sular '-1' kien hemm barrier tal-plastik[5] intiż għall-għeluq tal-fetħa tal-*lift shaft*, iżda kien neħħieh huwa stess minn mal-fetħa tal-bokka tal-lift il-ġurnata ta' qabel l-

[4] Fil-fatt, ma jirriżultax x'pożizzjoni kienet fiha l-barrier tal-ħadid meta raha jew jekk din kienet qiegħda tagħlaq l-apertura b'mod sħiħ jew biss parzjalment.

[5] Clint Xuereb ukoll xehed li l-bokka tal-lift kienet mikxufa dakinhar meta l-vittma waqa' lura fil-bokka iżda qabel, dik il-ġimgħa stess, kien ikun hemm barrier tal-plastik li jiċċaqlaq impoġġi eżatt mal-bokka iżda ma jafx x'sar minnu. Fisser li dan il-barrier ma kienx bħal dak li jidher f'paġna 16 tal-*proces-verbal* u ma kienx jagħlaq il-wisgħa tal-apertura kollha tal-bokka tal-lift.

inċident sabiex iwaħħal il-madum mad-dawra tal-*lift shaft*. Stqarr ukoll li ma kienx reġa' poġġa dan il-barrier lura f'postu għaliex ma setax jirfes fuq il-madum li kien għadu kif waħħal fl-art bil-kolla[6]. Xehed ukoll li missieru, li kien wasal qablu fuq is-sit l-għada fil-għodu, ma kienx reġa' poġġa l-barrier lura f'postu mal-fetħa tal-*lift shaft*, u waqt li kien qed jaqla' l-ispacers jew jikness, għal xi raġuni, x'aktarx għaliex kien miexi b'lura, waqa' lura fil-bokka tal-lift.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li huwa stabbilit li kien ġie provdut xi xejra ta' lqugħ fil-livell minn fejn waqa' l-vittma, u dan il-barrier kien ġie mqiegħed b'mod li kien qed jagħlaq, almenu in parti, il-fetħa tal-*lift shaft*, ifisser neċessarjament illi r-riskju ta' persuni, inkluż ħaddiema li kellhom jaħdmu f'dak is-sular, jaqgħu fil-bokka tal-lift, kien sa ċertu punt ridott. Huwa minnu li l-barrier ma kienx wieħed fiss li kien imwaħħal mal-bokka tal-lift, u seta' jiġi mċaqlaq minn post għal ieħor iżda indubbjament, ħadd m'hu sejjer jaqla' safety guard intiż biex jipprevjeni waqgħat mill-għoli, mingħajr raġuni valida u m'huwiex raġjonevoli l-ipotesi li persuni jirrimwovu attrezzaturi maħsuba għas-sigurta' tagħhom stess, kif ġieb u laħaq[7].

Fil-fatt, huwa konklussivament ippruvat li s-safety barrier li kien impoġġi mal-fetħa tal-bokka tal-lift - irrispettivament jekk kienx magħmul minn materjal jew kienx ta' daqs idoneu – ġie rimoss mhux minn xi ħadd mill-imputati iżda mill-ħaddiem innifsu li kien ġie impjegat biex jagħmel ix-xogħol ta' tqegħid tal-madum fis-sit in diżamina, Matthew Grech, u dan tabilħaqq, *ex admissis*, biex jista' jwaħħal mingħajr xkiel il-madum mad-dawra tal-istess *lift shaft*. **Iktar**

---

[6] Madankollu, ikkonferma li l-għada filgħodu meta waslu fuq il-post biex ikomplu jaħdmu, il-kolla kienet nixfet u l-madum seta' jintrifes bla xkiel. Kemm hu hekk, missieru kien qed jiknes il-madum u jneħħi l-clips u spacers tal-madum li kien twaħħal il-ġurnata ta' qabel.

[7] Hawnhekk il-Qorti tosserva li ma ġie allegat jew ippruvat f'ebda waqt, illi l-aċċess għas-sit in diżamina ma kienx maqgħluq kif imiss biex jiġi prevenut id-dħul ta' terzi persuni mhux awtorizzati, fl-istess sit u fil-fatt, l-imputati, talanqas dawk li jitqiesu bħala persuni li jħaddmu, ma ġewx mixlija bir-reat relattiv taħt il-liġijiet dwar is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol.

**minn hekk, l-istess Matthew Grech fix-xhieda tiegħu stqarr ukoll li missieru Emmanuel Grech ma kienx reġa' qiegħed il-barrier lura f'postu l-għada fil-għodu meta wasal l-ewwel fuq is-sit u beda jneħħi l-ispacers minn bejn il-madum li sadanittant kien laħaq nixef**.

Kif taraha l-Qorti, il-fatt li l-barrier li ġie evidentement supplit mill-persuni li kkommissjonaw ix-xogħol biex jipprovdi xejra ta' protezzjoni kontra r-riskju ta' waqgħa fil-*lift shaft* li kien għadu mixkuf, ma reġgħex ġie mqiegħed lura f'postu mill-ħaddiema meta ġew biex ikomplu x-xogħol tal-madum fl-iktar parti viċina tal-*lift shaft*, għandu importanza istrumentali fis-sekwenza ta' eventi li wasslu għall-mewt ta' Emmanuel Grech. **Anke jekk l-barrier ipprovdut seta' ma kienx idoneu biex jilqa' għal kollox għar-riskju ta' waqgħat mill-għoli, il-fatt jibqa' li dan mhux biss ġie spostat minn postu mal-fetħa tal-*lift shaft* mill-ħaddiema nfushom, talli kienet deċiżjoni volontarja tal-istess ħaddiema, speċifikatament il-vittma Emmanuel Grech, li ma jerġgħux jagħlqu l-fetħa bl-istess barrier anke meta ġew biex ikomplu jaħdmu fil-viċinanzi estremi tal-fetħa tal-*lift shaft*.** Il-Qorti ma riskontrat xejn fl-atti u fil-provi li jikkonvinċiha illi Emmanuel Grech kien fl-impossibbilita' li jerġa' jagħlaq il-fetħa bil-barrier li ġie stabbilit li kien ipprovdut biex tingħalaq il-fetħa fil-*lift shaft*, u huwa evidenti li l-ommissjoni kienet tiegħu u mhux ta' xi ħadd mill-imputati, u li ġieb b'idejh huwa stess il-ħsara li spiċċa ġarrab. Fil-fatt, il-Qorti tirrimarka li ma setax ma kienx konxju tal-perikolu li poġġa ruħu fih meta beda jaqla' l-ispacers b'saqajh u jiknes bil-fetħa tal-*lift shaft* ftit passi biss warajh mingħajr ma reġa' għalaq il-bokka tal-lift bil-barrier li kien tneħħa lejliet minnu jew minn ibnu stess.

Anke mingħajr ebda qies tal-element tal-kontributorjeta' tal-vittma nnifsu għall-event dannuż - għaliex dak li jgħodd għad-determinazzjoni dwar il-ħtija o meno għar-reat kolpuż huwa l-aċċertament tal-kondotta kolpuza tal-imputat u n-ness

materjali bejn dik il-kondotta u l-event dannuż - il-Qorti hija tal-fehma li ebda wieħed mill-imputati ma mexa b'kondotta volontarja u negliġenti li fiha hija riskontrabbli wkoll rabta materjali ta' kawżalita' mal-waqgħa tal-vittma fil-bokka tal-lift. **Il-Qorti tidentifika bħala l-unika kondotta li ikkontribwixxiet b'mod materjali għas-sinistru, it-tneħħija tal-lqugħ għall-egħluq tal-bokka tal-lift u fuq kollox, l-ommissjoni tal-vittma nnifsu li jqiegħdu lura f'postu biex jerġa' jagħlaq il-fetħa qabel kompla b'xogħolu – xogħol li kif rajna kien jinneċessita ċaqliq konsistenti fi knis u tneħħija ta' oġġetti żgħar minn mal-art fil-viċinanzi stretti tal-fetħa tal-*lift shaft*.** Fil-fehma tagħha, dan l-akkadut kien ir-riżultat esklussiv tal-egħmil tal-vittma nnifsu u ma tirravviża ebda kondotta kolpuża jew negligenti da parti ta' xi wieħed jew iktar mill-imputati li setgħet ikkontribwixxiet għall-akkadut.

Ġie argomentat mill-Prosekuzzjoni illi n-nuqqas tal-imputati li jipprovdu lqugħ fiss li kien imwaħħal mal-bokka tal-*lift shaft* b'mod li ma setax jiċċaqlaq, jikkostitwixxi l-kondotta kolpuża li kienet il-kaġun tal-event dannuż iżda l-Qorti ma taqbilx. Huwa minnu li barrier imwaħħal li ma setax jiċċaqlaq mill-ħaddiem kien jipprovdi sigurta' assoluta u kien inaqqas konsiderevolment jekk mhux kompletament ir-riskju ta' waqgħat fil-bokka tal-lift, iżda l-Qorti ma tistax tispekola dwar jekk barrier imwaħħal mal-koxxa tal-ħitan tal-bokka tal-lift kienx ikun ta' xkiel għat-twaħħil tal-madum jew jekk kienx ikollu jitneħħa biex isir it-twaħħil tal-madum fix-xifer tas-sular mal-bokka tal-lift. Alfred Lia, il-health and safety officer li ġie inkarigat biex iħejji Health and Safety Plan wara l-akkadut, ma jidhirx li kkundanna x-xorta ta' safety barrier li kien hemm provdut fis-sular fejn il-vittma waqa' għal isfel u lanqas ma ordna li l-ilqugħ tal-*lift shaft* kellhom ikunu imwaħħlin b'mod li ma jistgħu qatt jiġu rimossi. Kemm hu hekk, huwa ordna biss li l-*lift shaft*s għandhom ikun magħluqin il-ħin kollu b'safety bars li taħt ebda ċirkostanzi ma għandhom jitneħħew sakemm mhux

biex jintuża l-*lift shaft*, f'liema każ il-ħaddiem li juża l-*lift shaft* għandu jilbes safety harness.

Dan ikompli isaħħaħ il-konvinzjoni tal-Qorti illi l-unika kondotta li kkaġunat il-mewt kienet l-ommissjoni tal-vittma jew ħaddiem ieħor li jċaqlaq il-barrier minn postu u fuq kollox, jerġa' jqiegħdu f'postu meta reġa' mar ikompli bix-xogħol fil-viċinanzi tal-*lift shaft*.

Kif taraha l-Qorti, dan mhux każ fejn il-vittma waqa' fil-bokka tal-lift għaliex biex iwettaq xogħolu ma kienx ipprovdut b'post tax-xogħol sigur jew b'attrezzatura xieraq minn min iħaddem, jew għaliex kien imġiegħel jaħdem taħt kundizzjonijiet mhux idonei. Il-vittma kien bniedem tas-sengħa li kien jaf il-perikoli inerenti fix-xogħol tiegħu u mhux il-każ lanqas li huwa waqa' fil-bokka tal-lift meta kien qed iwaħħal il-madum għaliex ma kienx ipprovdut b'ebda attrezzatura kwalsiasi, jew b'tagħmir mhux idoneu biex iservi ta' lqugħ. Mix-xhieda jirriżulta li l-kumpannija li kienet ikkommissjonat ix-xogħol kienet forniet xi xorta ta' attrezzatura biex jiġi evitat ir-riskju ta' waqgħa u għalkemm jista' jkun li din ma kienetx idejali biex tilqa' b'mod sħiħ għall-perikolu ta' waqgħat mill-għoli tenut kont tal-fatt li kellu jsir xogħol ta' twaħħil tal-madum biss ftit pulzieri 'l bogħod mix-xifer tal-art, **il-Qorti tqis illi fil-każ konkret fejn il-proċess tat-twaħħil ta-madum fiż-żona msemmija kien lest u l-barrier seta' jerġa' jitpoġġa biex jagħlaq il-fetħa tal-*lift shaft,* l-ommissjoni tal-ħaddiem li jużah għall-iskop li għalih kien ġie provdut ma tistax tiġi raġjonevolment attribwita lil xi ħadd mill-imputati.** Il-Qorti ma tirravviża ebda kondotta kolpuża jew negliġenti da parti ta' xi wieħed jew iktar mill-imputati li kienet il-kaġun ta' jew ikkontribwixxiet materjalment għall-event dannuż ċioe' l-mewt ta' Emmanuel Grech, b'ness ta' kawżalita'. Mewt li fiċ-ċirkostanzi żgur li ma setax kienet prevedibbli.

Għaldaqstant, ebda wieħed mill-imputat mhu sejjer jinstab ħati tal-ewwel akkuża dwar ir-reat taħt l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputati kollha għajr għall-imputat Malcolm Balzan ġew akkużati wkoll taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Kap. 424) kif ukoll taħt l-Avviż Legali 88 tal-2018 (L.S. 424.36) u l-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18. L-imputat Malcolm Balzan ġie mixli biss taħt l-Avviż Legali 88 tal-2018.

Il-Qorti tqis illi kienet il-kumpannija Malta Retailing Limited, tramite l-General Manager tagħha, l-imputat Kenneth Borg Caruana, li kienet ikkommissjonat is-servizzi ta' Malcolm Balzan u Matthew Grech u ħaddiema oħrajn, għall-fini tal-proġett ta' rinovazzjoni u alterazzjonijiet fis-sular li kellu jiġi operat bħala supermarket – mikri lilha mingħand Allison Investments Limited - u fis-sulari l-oħra fejn kellu jiġi kostruwit *lift shaft*. Dan ifisser illi s-servizzi li dawn il-ħaddiema taw f'dan il-proġett, rispettivament, huma tawhom lil din l-istess kumpannija. F'kull każ, dan mhux kontestat u l-imputat Joseph Azzopardi fix-xhieda tiegħu stess ukoll ikkonferma li kienet il-kumpannija Malta Retailing Limited li wettqet ix-xogħolijiet ta' rinovazzjoni u alterazzjonijiet li kienu meħtieġa biex tista' tibda topera supermarket ġdid taħt ir-retail chain 'Spar' fil-livell '-1' tal-kumpless, u li qabbdet lil Matthew Grech bħala ħaddiem f'dan il-post tax-xogħol.

Stabbilit illi l-kumpannija Malta Retailing Limited kienet, tramite l-General Manager tagħha l-imputat Kenneth Borg Caruana, impjegat lil Matthew Grech u lil Malcolm Balzan bħala ħaddiema biex jaħdmu fuq il-proġett għall-ftuħ ta' supermarket fil-livell '-1' tal-kumpless, jikkonsegwi illi din il-kumpannija,

rappreżentata mill-erba' diretturi tagħha ilkoll ko-imputati fil-proċeduri odjerni, għandha titqies bħala "*min iħaddem*" skont id-definizzjoni mogħtija fl-artikolu 2 tal-Kap. 424.

Stabbilit dan, jikkonsegwi wkoll illi s-sulari fejn kienu qed jiġu eżegwiti x-xogħolijiet ta' tqegħid ta' madum, fejn allura kellhom aċċess għalihom il-ħaddiema li kienu ingaġġati biex jagħtu dan is-servizz, kellhom jitqiesu bħala "*post tax-xogħol*" għall-fini tal-artikolu 2 tal-Kap. 424[8].

Fit-tieni imputazzjoni, l-imputati kollha għajr Malcolm Balzan qed jiġu mixlija bil-ksur tal-artikolu 6(1) Kap. 424. Dan jipprovdi:-

*"Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att:*

*Iżda wkoll l-obbligi tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-postijiet tax-xogħol ma għandhomx jaffettwaw il-prinċipju tar-responsabbiltà ta' min iħaddem.*

Fil-fehma tal-Qorti, dan id-dmir ġeneriku jorbot sfiq ma' wħud mill-obbligi iktar speċifiċi imposti f'diversi regolamenti tal-L.S. 424.36 (Regolamenti Dwar

[8] Kull fond, lok, faċilità, bastiment jew post jew imkien ieħor, kemm jekk pubbliku jew privat, fejn isir xogħol jew li għalih il-ħaddiem ikollu aċċess waqt il-kors tal-impieg tiegħu…

il-Post tax-Xogħol – Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurta' tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni[9]), liema Regolamenti l-imputati qegħdin ukoll jiġu akkużati bil-ksur tagħhom.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi r-Regolamenti Dwar il-Post tax-Xogħol – Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurta' tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni (L.S. 424.36) isibu applikazzjoni biss f'każ li l-post tax-xogħol ikun sit tal-kostruzzjoni kif definit fir-regolament 2 tal-istess Regolamenti:

"*kull sit ta' kostruzzjoni fejn jitwettqu xogħolijiet ta' bini jew ta' inginerija ċivili, li lista mhux eżawrejenti tagħhom qed tingħata fl-Iskeda I*".

Issa l-Iskeda I tal-Avviż Legali 88 tal-2018 jelenka fost attivitajiet oħrajn, il-bini, alterazzjonijiet, rinnovament u restawr, liema attivitajiet jirrientraw sfiq fix-xogħolijiet li mill-provi jirriżulta li kienu qed jiġu eżegwiti mill-ħaddiema ingaġġati mill-kumpannija Malta Retailing Limited fiż-żmien tal-akkużi: bini ta' ħitan diviżorji mill-imputat Malcolm Balzan fis-sular livell '-2', u alterazzjonijiet konsistenti fit-tqegħid u twaħħil ta' madum ġdid fis-sular ta' fuq, livell '-1'.

Għaldaqstant, il-post tax-xogħol li kienu qed jaħdmu fih il-ħaddiema li kienu qed jagħtu s-servizzi tagħhom in konnessjoni mal-proġett ta' alterazzjonijiet fil-kumpless Daniel's Shopping Complex, għandu jitqies bħala sit ta' kostruzzjoni għall-fini tal-L.S. 424.36. Huwa immaterjali l-fatt illi l-bokka tal-lift fiż-żmien tal-inċident, kien mibni kif ukoll imkaħħal, għaliex huwa evidenti anke mix-xhieda ta' Clint Xuereb u Matthew Grech, illi kien hemm ħaddiema oħra li kienu għadhom qed jaħdmu fis-sit, filwaqt li l-imputat Malcolm Balzan innifsu stqarr li kien qed jibni ħitan diviżorji.

[9] Avviż Legali 88 tal-2018.

Fis-sitt imputazzjoni, li hija marbuta, kif ingħad diġa', mal-ksur tal-obbligu addebitat fit-tieni imputazzjoni taħt l-artikolu 6 tal-Kap. 424, l-imputati kollha għajr għall-imputat Malcolm Balzan, huma mixlija li bħala kuntratturi tas-sit tal-kostruzzjoni, kisru l-obbligi legali tagħhom sabiex jissalvagwardjaw kull impjegat jew ħaddiem jew terzi persuni oħra li jistgħu jiġu affettwati mix-xogħol li jkun qed isir. Fir-rigward, iċ-ċitazzjoni tagħmel riferenza speċifika għar-regolamenti 9, 10, 11 u 12 tal-L.S. 424.36.

Il-Qorti fliet dawn ir-regolamenti u tosserva li l-imsemmi regolament 9 jagħmel riferenza diretta għar-regolamenti 4 sa 8 tal-Avviż Legali 36 tal-2003 (L.S. 424.18) li jenunċjaw id-dmirijiet ġenerali[10] u dmirijiet ulterjuri[11] ta' min iħaddem, fosthom id-dmir tal-valutazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sigurta'[12] u t-teħid tal-miżuri neċessarji kollha biex jiġu evitati dawn ir-riskji u l-kontroll tal-fatturi li jistħgu jagħtu lok għal inċidenti jew li joħolqu riskji għas-saħħa. Sinjifikanti l-fatt illi fir-regolament 6(2) tal-L.S. 424.18, fost il-miżuri speċifiċi li jridu jittieħdu biex jiġu prevenuti riskji għas-saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol, insibu l-bdil tal-metodi tax-xogħol sabiex jiġi żgurat titjib fil-livell ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fejn jidħlu saħħa u sigurtà.

Evidententement, fil-fatti tal-każ in diżamina huwa ravviżabbli ksur tad-dmir da parti ta' min iħaddem, tar-regolamenti 4 u 6 tal-L.S. 424.18, ċioe' id-dmir li jiġu valutati r-riskji u jittieħdu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u għall-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol, li kif ingħad jorbot mal-obbligu ġenerali ta' min iħaddem li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-impjegati kollha li jistgħu jiġi affettwati bix-xogħol li qed isir. Dan qed jingħad għaliex min iħaddem - li fil-każ in diżamina huwa wkoll

[10] Regolament 4.
[11] Regolament 5.
[12] Regolament 6.

il-kuntrattur u l-klijent għall-fini tal-Avviż Legali 88 tal-2018 - naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha biex jiġi evitat dannu lil kull min jista' jiġi affetwat bix-xogħol.

Diġa' ġie stabbilit illi l-barrier li fil-ġranet ta' qabel il-mewt ta' Emmanuel Grech kien impoġġi mal-apertura tal-bokka tal-lift fil-livell '-1', ma kienx il-barrier tal-ħadid miksi bil-plastik li jidher fir-ritratt 134 formanti parti mir-rapport ta' Alfred Lia[13] u li dan l-barrier lanqas kien wiesa' biżżejjed biex jagħlaq l-apertura b'mod sħiħ, ma kienx marbut u kien barrier li seta' jiċċaqlaq faċilment. Fil-fatt, Matthew Grech xehed li fis-sular '-1' kien sab barrier tal-plastik[14] iżda kien neħħih huwa stess minn mal-fetħa tal-bokka tal-lift il-ġurnata ta' qabel l-inċident, biex seta' jwaħħal il-madum mad-dawra tal-*lift shaft*, u ma kienx reġa' poġġiha lura f'postha għaliex ma setax jirfes fuq il-madum li kien għadu jitwaħħal bil-kolla[15].

Fil-fehma tal-Qorti, barrier bħal dak ipprovdut ma kienx idoneu għall-prevenzjoni effettiva tar-riskju ta' waqgħa mill-għoli b'mod ġenerali. Anke jekk ikun il-ħaddiem innisfu li jkun neħħa l-guard rail li kien ipprovdut għas-sigurta' tiegħu kontra riskju ta' waqgħa mill-għoli, dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-lqugħ li kien ipprovdut ma seta' qatt ikun idoenu biex jilqa' għall-perikolu ta' waqgħa minn għoli ta' żewġ sulari. Fil-fatt, diġa' fl-2017 kien ġie identifikat riskju ta' waqgħat mill-għoli ("*fall, slips*") f'Risk Assessment Sheet li kien ġie

[13] Huwa evidenti li l-barrier li jidher fir-ritratti f'paġna 134 tal-atti, ma kienx fis-sular li minnu waqa' l-vittma għaliex l-art ma fiha ebda madum.

[14] Clint Xuereb ukoll xehed li l-bokka tal-lift kienet mikxufa dakinhar meta l-vittma waqa' lura fil-bokka iżda qabel, dik il-ġimgħa stess, kien ikun hemm barrier tal-plastik li jiċċaqlaq impoġġi eżatt mal-bokka iżda ma jafx x'sar minnu. Fisser li dan il-barrier ma kienx bħal dak li jidher f'paġna 16 tal-proces-verbal u ma kienx jagħlaq il-wisgħa tal-apertura kollha tal-bokka tal-lift

[15] Madankollu, ikkonferma li l-għada filgħodu meta waslu fuq il-post biex ikomplu jaħdmu, il-kolla kienet nixfet u l-madum seta' jintrifes bla xkiel. Kemm hu hekk, missieru kien qed jiknes il-madum u jneħħi l-clips u spacers tal-madum li kien twaħħal il-ġurnata ta' qabel.

mħejji wkoll minn Alfred Lia[16], fejn ġie rakkomandat illi l-ħaddiema li kienu f'riskju, bejn sitta u tmien ħaddiema, jingħataw taħriġ f'affarijiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol, taħriġ li jirriżulta li ma kienx ġie provdut lill-ħaddiema.

Kif taraha l-Qorti, jekk il-ħaddiema ma jkunu ngħataw ebda taħriġ dwar saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol kif kien meħtieġ skont ir-risk assessment, qajla jista' wieħed jistenna li jerġgħu jpoġġu l-barrier lura f'postu wara li jkunu ċċaqalquh biex jaħdmu.

Ma ġiex ippruvat sodisfaċjentement illi fil-livell fejn kien qed isir it-tqegħid tal-madum, livell '-1', kien hemm barrier idoneu biex jiġi prevenut ir-riskju ta' waqgħat mill-għoli. Fil-fatt, barrier bħal dak li jidher fis-sulari l-oħra[17] ma jidher imkien fir-ritratti li juru l-livell fejn kien qed jaħdem il-vittma, u f'kull każ Clint Xuereb ikkonferma li l-barrier li kien hemm fil-livell fejn kienu qed jaħdmu ma kienx jagħlaq b'mod sħiħ il-fetha tal-*lift shaft*. Huwa eskluż li fis-sular kien hemm grada bħal dik riskontrata fis-sular l-iktar baxx, grada li kif ġie affermat minn Alfred Lia in kontro-eżami, kienet tikkostitwixxi fil-fehma tiegħu mezz sodisfaċjenti għall-għeluq tal-fetħiet tal-bokka tal-lift sakemm kienu għadhom għaddejjin ix-xogħolijiet ta' alterazzjonijiet għaliex din setgħet tinqala' skont l-esiġenzi tax-xogħol u jerġa' jitpoġġa lura f'postu. Għalhekk, il-barrier li kien ġie provdut minn min iħaddem biex jagħlaq l-apertura tal-bokka tal-lift fil-livell '-1', ma setax kien idoneu biex jipproteġi l-ħaddiem, wisq inqas biex jipproteġi l-ħaddiem li ma ngħatax taħriġ adegwat.

---

[16] Paġna 138 tal-atti tal-kompilazzjoni.

[17] Ara ritratti paġna 15, 16 u 22 tal-proces-verbal, Dok. MC1, Dok. NC1 u Dok. NC3 u f'paġna 134, Dok. AL1 li huwa r-rapport ta' Alfred Lia.

Dan qed jingħad ukoll wara li ġew ikkunsidrati r-rakkomandazzjonijiet ta' Alfred Lia fir-rapport li ħejja wara li ispezzjoni s-sit iktar tard fil-ġurnata tal-fatalita'[18], 15 ta' Jannar 2019:-

"**29. Risks of falls from heights**

- *If there is the risk of falling from a height while working and the height is that of two (2) metres or more, the contractor shall provide safety devices such as guard rails, manhole covers, safety nets and other equivalent safety devices.*

- *If due to the circumstances of working conditions it is impossible to use such safety devies such as safety cradles, nets or other equivalent devices, the contractor shall provide the employees with safety harnesses/belts that shall be affixed with safety cables or opres that shall have proper and secure anchoring.*

...

- *Suitable protection guard rails should be fitted by the contractor around stairwells, stairs and sheer drop areas. The contractor shall not remove any guard rails or any other means of protection which is used to protect any persons from fall. Before removing any guard rails or hand rails, the contractor has to liaise with ... health and safety services."*[19]

Fin-nuqqas ta' provi konkreti, il-Qorti m'hijiex serja tispekola dwar l-ipotesi jekk fil-prattika setax jitqiegħed guard rail jew safety bar b'mod fiss imwaħħal

---

[18] Dok. AL1/Dok. NC9.

[19] Alfred Lia fl-istess Health and Safety Plan irrakkomanda wkoll:

***11. Personal protective equipment***

*The Contractor shall ensure that:*

*...*

*where work is carried out in balconies, near open areas, workers must wear safety harness ensuring that life lines are correctly tightened with adequate bolt plugged with wall*

mal-koxxa tal-fetħa tal-bokka tal-lift. Madanakollu, il-fatt jibqa' illi evidentement, ma ġietx identifkata l-aħjar soluzzjoni għall-garanzija tas-sigurta' tal-ħaddiem waqt ix-xogħol ta' tqegħid tal-madum fil-viċinanzi ta' *lift shaft* fejn jeżisti riskju evidenti ta' waqgħat mill-għoli, u dan in-nuqqas jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonjiet tar-regolament 6(2) tal-L.S. 424.18[20] u l-artikolu 6(2) tal-Kap. 424, speċifikatament id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (e) tal-istess artikolu 6(2) tal-Kap. 424 li jimponi l-obbligu fuq min iħaddem li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż.

Kemm hu hekk, l-istess *health and safety officer*, Alfred Lia, wara li spezzjona s-sit tal-kostruzzjoni, ikkonkluda:

"*During the Audit, a small number of non-compliances were discovered wothin the working practice...*

...

*3.1* ***ALL*** *empty Lift shafts as per pictures below are to be closed at all times by safety bars. Under no circumstances should these bars* (be) *removed, if need to the person using the shaft should wear a safety harness.*"[21]

Dan kollu magħdud fil-fehma tal-Qorti jfisser li l-imputati ma ressqux prova, għall-fini tar-regolament 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018[22], illi turi li għamlu dak kollu meħtieġ minnhom fil-pożizzjoni tagħhom bħala l-klijent u l-

[20] Reż applikabbli bis-saħħa tar-regolament 9 tal-L.S. 424.36.

[21] Dok. NC10/Dok. AL1.

[22] F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit.

kuntratturi sabiex tiġi salvgwardjata s-saħħa u s-sigurta' fis-sit tal-kostruzzjoni, u jew li ma kienx raġjonevolment prattikabbli li jsir iktar milli ikun fil-fatt sar biex jittejjeb is-sigurta' tal-ħaddiem u biex jitnaqqas il-perikolu ta' waqgħat mill-għoli. Hekk per eżempju ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li tiġġustifika n-nuqqas ta' barrier idoneu fil-livell fejn kien qed jitqiegħed il-madum u dan ifisser li l-kuntratturi u l-klijent naqsu addirittura milli jieħdu anke miżuri iktar bażiċi biex jiġi prevenut riskju eżistenti u evidenti ta' waqgħat mill-għoli, riskju li kien ġia' ġie preventivament identifikat iżda ġie mwarrab għal kollox.

Għaldaqstant, huwa riskontrabbli ksur tal-obbligi fuq imsemmija da parti tal-persuna li tħaddem, kif ukoll il-klijent u l-kuntrattur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi fuq imsemmija, ċioe' ir-regolament 9 tal-L.S. 424.36, ir-regolament 6 tal-L.S. 424.18 u l-artikolu 6 tal-Kap. 424.

Jirriżulta wkoll illi l-ħaddiem Matthew Grech qatt ma rċieva ebda informzzjoni dwar kif għandu jipprevjeni r-riskju ta' waqgħat mill-għoli fil-kors tat-tqegħid tal-madum u l-miżuri speċifiċi li kellhom jittieħdu biex ikun protett minn dan ir-riskju. Għalkemm Kenneth Borg Caruana xehed illi kien tah struzzjonijiet biex jerġa' jagħlaq il-fetħa tal-*lift shaft* bil-barrier tal-ħadid, dan ġie miċħud minn Matthew Grech li insista li qatt ma rċieva ebda informazzjoni dwar kif kellu jipprevjeni riskji fuq il-post tax-xogħol. F'dan in-nuqqas il-Qorti tirravviża ksur tar-regolament 12(1)(2) tal-Avviż Legali 88 tal-2018 li jiddisponi li l-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom ikunu informati bil-miżuri kollha li għandhom jittieħdu rigward is-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq is-sit tal-kostruzzjoni. Informazzjoni, iżda, li f'dan il-każ la ngħatatilhom u lanqas ġiet imfiehma lilhom safejn għandu x'jaqsam il-prevenzjoni tar-riskju ta' waqgħa mill-fetħa miftuħa tal-*lift shaft* bit-tqegħid il-ħin kollu ta' barrier idoneu.

Stabbilit dan, madankollu, ma ġie identifikat ebda ksur ta' xi wieħed mir-regolamenti l-oħra tal-L.S. 424.18 li huma msemmija fir-regolament 9 tal-L.S 424.36 u lanqas ravviżat ksur speċifiku tar-regolamenti 10 u 14 tal-istess L.S. 424.36.

Għalhekk id-diretturi tal-kumpannija Malta Retailing Limited għandhom jinsabu ħatja tat-tieni u s-sitt imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Fit-tielet imputazzjoni, l-imputati kollha għajr għall-imputat Malcolm Balzan qed jiġu akkużati bil-ksur tar-regolament 10(1) tal-L.S. 424.18:-

*Għandu jkun id-dmir ta' kull min iħaddem u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha ta' l-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija ta' l-impriża:*

Il-Qorti tosserva illi mill-provi jirriżulta illi fl-2017 Alfred Lia kien ġie inkarigat jagħmel evalwazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sigurta' kollha li jistgħu ikunu preżenti minħabba l-attivita' ta' bini ġewwa Daniel's Complex, tant illi ġie identifikat perikolu ta' "*falls, slips*". Huwa stabbilit ukoll mill-provi,

senjatament ix-xhieda ta' Kenneth Borg Caruana u Malcolm Balzan[23], illi l-uniku xogħol ta' bini li kien sar bħala parti mill-proġett intrapriż mill-kumpannija Malta Retailing Limited, kien jikkonsisti fil-kostruzzjoni tal-*lift shaft* fuq tliet livelli tal-kumpless, ċioe' mis-sular intiż għas-supermarket 'l isfel.

Madanakollu, billi s-subartikolu (2) tar-regolament 10 tal-L.S. 424.18 jeżonera lil min iħaddem mill-obbligu li jżomm fil-pussess tiegħu kopji bil-miktub ta' l-evalwazzjoni msemmija fis-subartikolu ta' qabel, f'każ li jkunu impjegati ħames ħaddiema jew aktar fuq il-post tax-xogħol – u l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li min kien iħaddem fil-każ in diżamina, impjega iktar minn ħames ħaddiemha fuq il-post tax-xogħol, il-Qorti hija tal-fehma illi ma ntlaħqitx il-grad tal-prova meħtieġ biex jinsab ksur tar-regolament 10 tal-L.S. 424.18. Fi kwalsiasi każ, kif diġa' ngħad, mid-dokumenti li ġew esebiti minn Norbert Ciappara u mill-health and safety officer Alfred Lia, jirriżulta li xi xorta ta' evalwazzjoni tar-riskju kienet saret fl-2017, fejn ġie identifikat il-perikolu ta' waqgħat mill-għoli.

Ikkunsidrat;

Fir-raba' imputazzjoni, l-imputati kollha għajr għal Malcolm Balzan qed jiġu mixlija wkoll bil-ksur tar-regolament 12(1) tal-L.S. 424.18:

*Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jagħti informazzjoni li tinftiehem u relevanti lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom dwar:*

*(a) ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li huma magħrufa minn min iħaddem jew li ġew identifikati minn xi evalwazzjoni tar-riskju mwettqa minn, jew għal min*

[23] Ara xhieda fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali.

*iħaddem, u li huwa magħruf li huma preżenti fil-post tax-xogħol in ġenerali, kif ukoll fejn jidħol kull stazzjon tax-xogħol individwali, u fejn jidħol xi tip ta' xogħol jew attività ta' xogħol assenjata;*
*(b) il-miżuri preventivi u protettivi meħtieġa fejn jidħlu r-riskji kollha identifikati;*
*(ċ) il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti fil-każ ta' periklu serju u imminenti preżenti fuq ix-xogħol, inkluż dwar l-evakwazzjoni tal-ħaddiema, u dwar arranġamenti magħmula fejn jidħlu l-ewwel għajnuna u t-tifi tan-nar:*

Kif diġa' ġie stabbilit, ir-riskju ta' waqgħa mill-għoli kien ġie identifikat minħabba l-kostruzzjoni ta' *lift shaft*, liema *lift shaft* kien għadu vojt u l-aperturi tiegħu kienu miftuħin meta kien qed isir ix-xogħol ta' tqegħid tal-madum mill-ħaddiem Matthew Grech. Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-istess Matthew Grech illi ħadd ma kien tah struzzjonijiet dwar l-għeluq tal-apertura tal-bokka tal-lift jew spjegalu x'għandu jagħmel biex jassigura li jipprevenji risku ta' waqgħa. Għalkemm l-imputat Kenneth Borg Caruana xehed li ripetutament kien ta struzzjonijiet lil Matthew Grech u l-lavranti tiegħu biex f'każ li jiċċaqalqu l-grada li kien qed jagħlaq il-bokka tal-lift, jassiguraw li jerġgħu jagħlqu l-fetħa[24], dan ġie miċħud bla tlaqliq minn Matthew Grech li xehed illi Kenneth qatt ma tah ebda struzzjonijiet ħlief li kellu jibda u jlesti x-xogħol u lanqas qatt ma tah struzzjonijiet dwar kif kellu jevita t-toqba tal-bokka tal-lift. Iddikjara wkoll li ħadd qatt ma ġie jissorvelja l-andament tax-xogħol.

Dan huwa biżżejjed għall-Qorti biex tirravviża ksur tar-regolament 12 tal-L.S. 424.18 kif ukoll ksur tar-regolament 14 tal-istess L.S. 424.18, addebitat fil-ħames imputazzjoni għaliex ma hemm xejn fl-atti u fil-provi proċesswali li juri illi l-ħaddiema ingaġġati mill-kumpannija Malta Retailing Limited, Malcolm

---

[24] Xehed illi matul dawk il-ftit ġranet li kien qed jitwaħħal il-madum, huwa kien jagħti struzzjonijiet "*kuljum u kontinwament*" lil Matthew Grech u l-ħaddiema tiegħu biex jassiguraw li l-bokka tal-lift tinżamm magħluqa bil-barriers li kienu pprovduti biex tingħalaq il-fetħa tal-lift shaft.

Balzan u Matthew Grech, ingħataw xi forma ta' taħriġ fuq is-saħħa u s-sigurta', jew informazzjoni jew istruzzjonijiet speċifiċi għax-xogħol li kien ġie lilhom assenjat, rispettivament.

Ikkunsidrat;

Illi in kwantu għall-imputazzjoni bin-numru 7 fiċ-ċitazzjoni, dwar il-ksur tar-regolament 5(4) tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (L.S. 424.36), il-Qorti tqis li qabel xejn għandha tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Huwa eskluż li l-kumpannija Malta Retailing Limited huwa klient domestiku entro t-tifsira taħt ir-regolament 2 tal-L.S. 424.36 ("*tfisser klijent li għalih qed isir xogħol u li m'hemmx forma ta' qliegħ għal dak il-klijent*") għaliex skont kif jirriżulta mix-xhieda tal-imputat Kenneth Borg Caruana, il-proġett tal-alterazzjonijiet sar bil-ħsieb li jiġi ġestit negozju ta' supermarket fil-post fejn kien ġie u kien għadu qed jiġi eżegwit ix-xogħol. Iżda f'kull każ, din il-kumpannija sejra titqies bħala 'il-klijent' għall-fini tar-Regolamenti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36.

Kif taraha l-Qorti, huwa ovvju li l-imputat Kenneth Borg Caruana kien maħtur mill-kumpannija Malta Retailing Limited bħala *supervisor* tal-proġett in diżamina u dan skont kif jirriżulta mix-xhieda tiegħu stess[25] fejn fisser fid-dettall ir-rwol tiegħu fis-superviżjoni u l-ko-ordinazzjoni tal-proġett u xehed illi għalkemm m'huwiex ikkwalifikat fil-materja ta' saħħa u sigurta', għandu esperjenza fil-qasam kif ukoll "*track record tajjeb*". Jirriżulta wkoll illi kien l-imputat Kenneth Borg Caruana nnifsu li kien ikkommissjona lil Matthew Grech

[25] "*... meta jkun hemm ċertu proġetti nieġu ħsiebhom jien ukoll ... Ninvolvi ruħi jiġifieri I manage the project basically ... l-proġett nieħu ħsiebu mill-bidu tal-aħħar jien.*" Ukoll, xehed illi l-kuntrattur inkarigat bil-bini tal-bokka tal-lift kien qed jaġixxi: "*taħt is-superviżjoni tal-perit u ovvjament tiegħi għax kont inkun involut kontinwament.*" Xhieda tal-11 ta' April 2024.

għax-xogħol tal-madum, kif ukoll lil Alfred Lia biex iħejji *health and safety plan* wara li seħħ l-inċident fatali tal-15 ta' Jannar 2019.

Għaldaqstant, għall-fini tar-regolament 5 tal-L.S. 424.36 li jelenka l-obbligi tas-*supervisor* tal-proġett, u in vista tal-ħatra f'dan ir-rwol ta' Kenneth Borg Caruana, il-klijent, ċioe' l-kumpannija Malta Retailing Limited, m'hijiex sejra titqies bħala s-*supervisor ipso facto* tal-proġett.

Dan ifisser illi għall-ksur tar-regolament 5(4)(a) tal-L.S. 424.36, jaħti l-imputat Kenneth Borg Caruana għaliex mill-provi huwa stabbilit illi l-pjan tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol kien ma ġiex imfassal qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni, iżda biss *ex post facto*[26].

In konklużjoni, stabbilit illi ma kienx ġie mfassal pjan ta' saħħa u sigurta' qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni[27] iżda biss wara l-inċident fatali tal-15 ta' Jannar 2019 meta x-xogħol kien diġa' fi stadju avvanzat ferm, għandu jingħad illi ir-regolament 8(1) tal-L.S. 424.36 jistipola espressament illi meta l-klijent jaħtar *supervisor* tal-proġett biex jaqdi d-dmirijiet riferiti fir-regolament 5, dan ma jeħlisx lill-klijent mir-responsabbilitajiet tiegħu f'dak ir-rigward.

Għaldaqstant, il-kumpannija Malta Retailing Limited bħala l-klijent għall-dini tal-L.S. 424.36 ukoll għandha tinsab ħatja flimkien mal-imputat Kenneth Borg Caruana għall-ksur tar-regolament 5(4) tal-istess leġislazzjoni.

[26] Skont ir-regolament 5(2) tal-L.S. 424.36, il-pjan tas-saħħa u s-sigurtà għandu jistipula r-regoli applikabbli għas-sit ta' kostruzzjoni konċernat, filwaqt li jitqiesu, fejn meħtieġ l-attivitajiet industrijali li jkunu qiegħdin isiru fuq is-sit; dan il-pjan għandu wkoll jinkludi miżuri speċifiċi li jikkonċernaw ix-xogħol li jaqa' f'waħda jew aktar mill-kategoriji tal-Iskeda II.

[27] Ara xhieda ta' Joseph Azzopardi.

Hawnhekk, il-Qorti tħoss li għandha tosserva espressament illi (i) l-evalwazzjoni dwar il-perikoli tas-saħħa u sigurta' preżenti fuq il-post tax-xogħol msemmija fir-regolament 10 tal-L.S. 424.18, u (ii) il-pjan tas-saħħa u s-sigurta' li għandu jsir qabel it-twaqqif tas-sit tal-kostruzzjoni, li huwa meħtieġ skont ir-regolament 5(4) tal-L.S. 424.36, huma żewġ kunċetti differenti għad illi analogi. Fl-ewwel lok, għandu jingħad illi filwaqt li r-Regolamenti fil-L.S. 424.18 fihom id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-ħtiġiet tas-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u jsibu applikazzjoni f'kull post tax-xogħol b'mod indiskriminat, ir-Regolamenti fil-L.S. 424.36 huma maħsuba għar-regolamentazzjoni speċifika ta' materji dwar saħħa u sigurta' tax-xogħol f'siti ta' kostruzzjoni kif definit fl-Iskeda II tal-istess Regolamenti, diversament minn kull post tax-xogħol ieħor, fejn allura ir-riskji għas-saħħa u s-sigurta' jkunu naturalment miżjuda u iktar sinjifikanti. Hija għalhekk il-fehma tal-Qorti illi l-evalwazzjoni tar-riskji għas-saħħa u s-sigurta' f'siti ta' kostruzzjoni ma tistax tiġi ekwiparata mal-pjan tas-saħħa u sigurta' meħtieġ speċfikatament f'siti ta' kostruzzjoni, anke għaliex ir-regolament 5(2) tal-L.S. 424.24 jistipola espressament x'għandu jkun fih dan il-pjan tas-saħħa u s-sigurtà: ħtiġiet li m'humiex imsemmija fid-dispożizzjonijiet dwar l-evalwazzjoni li hija meħtieġa taħt ir-regolament 10(1) tal-L.S. 424.18.

"*Il-pjan tas-saħħa u s-sigurta' għandu jistipula r-regoli applikabbli għas-sit ta' kostruzzjoni konċernat, filwaqt li jitqiesu, fejn meħtieġ l-attivitajiet industrijali li jkunu qiegħdin isiru fuq is-sit; danil-pjan għandu wkoll jinkludi miżuri speċifiċi li jikkonċernaw ix-xogħol li jaqa' f'waħda jew aktar mill-kategoriji tal-Iskeda II.*"

B'riferenza għall-eżenzjoni fir-regolament 10(2) tal-L.S. 424.18 f'każ li jkun hemm inqas minn ħames ħaddiema impjegati fuq il-post tax-xogħol, mill-obbligu ta' żamma ta' kopji bil-mitkub tal-evalwazzjoni, għall-Qorti huwa diffiċli ferm taċċetta li l-pjan ta' saħħa u sigurta' msemmi fil-L.S. 424.36 jista'

wkoll ma jinżammx kopja bil-miktub tiegħu. Kemm hu hekk, ir-regolament 3(2) tal-L.S 424.36 jistipola li l-klijent jew is-supervisor tal-proġett huwa fid-dmir li jżomm files dwar saħħa u sigurtà mħejjijin skont is-subregolament (4) tar-regolament 5, u kull informazzjoni oħra rilevanti dwar is-saħħa u s-sigurtà, u jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kull min ikun irrid jispezzjonahom u li jkun jinħtieġ informazzjoni mill-file biex iħares kull obligazzjoni li toħroġ mil-liġi. Huwa obbligat ukoll jipprepara *file* adegwat għall-karatteristiċi tal-proġett li jkun fihom informazzjoni relevanti tas-saħħa u sigurtà li għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni waqt xogħlijiet sussegwenti.

Fuq kollox il-fatt illi r-Regolamenti dwar il-Post Tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni: L.S. 424.36) huma, evidentement, il-liġi speċjali li tirregola b'mod speċifiku siti ta' kostruzzjoni u għalhekk għandu jitqies li jidderoga mill-ġeneralita' tar-Regolamenti Dwar Disposizzjonijiet Ġenerali Dwar Is-Saħħa u s-Sigurtà fuq Il-Post Tax-Xogħol (L.S. 424.18), il-*lex generalis*, u dan in forza tal-prinċipju *lex specialis derogat generalis*.

Biex jiġi trattat l-argoment tad-difiża illi l-klient u jew is-supervisor tal-proġett huma meħlusa mill-obbligu li jfasslu pjan tas-saħħa u s-sigurta' taħt ir-regolament 5 tal-L.S. 424.36 għaliex ġie stabbilit mill-health and safety officer Alfred Lia li x-xogħol ma kienx ipproġettat li jkun iktar minn 500 ġurnata tax-xogħol, il-Qorti tosserva illi d-dispożizzjonijiet tar-regolament 5(3) jeżonera lill-persuna responsabbli mill-obbligu **biss** li jiġi komunikat lill-Awtorita' l-avviż bil-quddiem tal-bidu tax-xogħol fuq il-proġett u l-obbligu li dan l-avviż jiġi mwaħħal mas-sit, u mhux ukoll l-obbligu li jiġi mfassal pjan tas-saħħa u s-sigurta' msemmi fiż-żewġ sub-regolamenti ta' qabel tar-regolament 5 tal-L.S. 424.36. Il-kriterju ta' inqas minn 500 ġurnata tax-xogħol fil-fatt ma jissemma mkien ieħor fir-regolamenti li japplikaw għal siti ta' kostruzzjoni, wisq inqas

jissemma speċifikatament b'rabta ma' xi eżoneru mill-obbligu tat-tfassil u żamma ta' pjan ta' saħħa u sigurta' fuq sit tal-kostruzzjoni. Kif ingħad diġa', ir-riskji inerenti f'sit fejn ikunu qed jitwettqu l-attivitajiet elenkati fl-Iskeda II tal-L.S. 424.36 huma meqjusin bħala gravi tant illi l-leġislatur kien tal-fehma li l-obbligi tal-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta' u tal-prevenzjoni ta' perikoli eżistenti f'sit ta' kostruzzjoni għandhom jiġu regolati b'regolamenti *ad hoc* b'żieda mal-kundizzjonijiet minimi u ġenerali dwar saħħa u sigurta' fuq il-post tax-xogħol. Dan ifisser illi diversament mill-obbligu taħt ir-regolament 5(3) tal-L.S. 424.36, l-obbligu ravviżat fir-regolament 5(4)(a) jinkombi lis-supervisor tal-proġett u jew lill-klijent, f'kull sit ta' kostruzzjoni li jirrientra fid-dispożizzjonijiet tar-regolament 2 u l-Iskeda II, irrispettivament min-numru ta' ġranet ta' xogħol jew in-numru tal-ħaddiema.

Ikkunsidrat;

Illi l-uniku akkuża diretta fil-konfront tal-imputat Malcolm Balzan dwar reat taħt l-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol u r-regolamenti magħmulin taħtu, hija dik fit-tmien imputazzjoni taħt l-artikolu 7(1) tal-Kap. 424[28], ċioe' l-ksur tal-obbligu jħares is-saħħa u s-sigurta' tiegħu u tal-persuni li setgħu jiġu affettwati bix-xogħol tiegħu li kien qed isir, billi naqas milli jieħu l-passi kollha neċessarji biex jiġi evitat dannu fuq il-post tax-xogħol u l-miżuri meħtieġa biex ir-riskji jiġu ridotti kemm ikun raġjonevolment prattiku.

Mill-provi huwa stabbilit illi l-imputat Malcolm Balzan kien il-bennej inkarigat bil-kostruzzjoni tal-bokka tal-lift u huwa stabbilit ukoll bl-iktar mod abbundanti mill-provi proċesswali illi fil-15 ta' Jannar 2019, il-bokka tal-lift kien diġa' kostruwit kollu kif ukoll imkaħħal tant illi hu stess xehed fl-Inkjesta li dakinhar

[28] Dan jiddisponi:- *Huwa d-dmir ta' kull ħaddiem li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni oħra lijistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir.*

tal-inċident kien qed jibni xi ħitan diviżorji fil-livell '-2': xogħol li ma ġiex ippruvat li kien qed jaffettwa ħaddiema oħrajn fuq il-post tax-xogħol.  Kemm hu hekk huwa xehed li wara li lesta l-bini tal-*lift shaft*, kien mar jaħdem fuq lantijiet oħrajn tax-xogħol u qatt ma kien reġa' mar fil-livell '-1' tal-kumpless Daniel's Shopping Complex.  Fil-fatt, huwa ovvju li x-xogħol ta' tqegħid tal-madum seta' jsir biss wara t-tlestija tax-xogħol tal-kostruzzjoni.  Għandu jingħad ukoll illi l-kliem tal-liġi fl-artikolu 7 tal-Kap. 424 huwa pjuttost ċar li d-dmir impost għall-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta' ta' persuni li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, jibqa' fis-seħħ biss sakemm ix-xogħol ikun għadu jsir. F'kull każ, ma nġiebet ebda prova li tistabbilixxi Malcolm Balzan kien ingħata struzzjonijiet biex bħala parti mill-appalt lilu mogħti minn min iħaddem jew mill-klijent jew il-kuntrattur, kellu jieħu ħsieb li jagħlaq il-fetħa tal-bokka tal-lift jew jistalla l-lift huwa stess.

Għaldaqstant, l-imputat Malcolm Balzan ma jistax jinsab ħati tat-tmien imputazzjoni dwar il-ksur tal-obbligu fl-artikolu 7 tal-Kap. 424.

**Għal dawn il-motivi:-**

**Ma ssib lil ebda wieħed mill-imputati ħati tal-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali u tilliberahom;**

**Ma ssibx lanqas lil Malcolm John Balzan ħati tat-tmien imputazzjoni dwar ir-reat taħt l-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta u tilliberah;**

**Ma ssibx lil Kenneth Borg Caruana, Anthony Azzopardi, Joseph Azzopardi, Graziella Fava Azzopardi u Carmel Azzopardi ħatja tat-tielet imputazzjoni u tilliberahom; u**

**Ma ssibx lil Kenneth Borg Caruana ħati lanqas tat-tieni, ir-raba', il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet u tilliberah;**

**Wara li rat l-artikolu 17(f) tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-artikoli 6(2) u 38(1)(3) tal-Att dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol (Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta), ir-regolamenti 6(2) u 20 tal-Avviż Legali 36 tal-2003 (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.18[29]) u r-regolamenti 5(2)(4), 8(1), 9, 12(1)(2) u 15 tal-Avviż Legali 88 tal-2018 (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.36[30]), issib lil:**

**Anthony Azzopardi, Joseph Azzopardi, Graziella Fava Azzopardi u Carmel Azzopardi ħatja tal-imputazzjonijiet bin-numru 2, 4, 5, 6 u 7 u tikkundannahom multa komplessiva ta' elfejn Euro (€2,000) kull wieħed; u**

**Kenneth Borg Caruana ħati biss tas-seba' imputazzjoni, u tikkundannah multa ta' sitt mitt Euro (€600).**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

[29] Regolamenti dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol.

[30] Regolamenti dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi ta' Saħħa u Sigurta' tax-Xogħol f'Siti tal-Kostruzzjoni).